MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2425/2003

**Forestals (Appliances) Ltd**

**vs**

**Kurt Galea Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u disghin lira Maltin (Lm291) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovut fuq merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta'l-avviz sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u disghin lira Maltin (Lm291), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Dicembru 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-17 ta' Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------